**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 13 ta' Lulju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**CARMELO VELLA**

**KUMP NRU 25/2010**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, CARMELO VELLA** detentur tal-karta tal-identita bin-numru **319064(M)** gie akkuzat talli;

1. Nhar id-9 ta' Jannar 2010, ghall-habta ta' 11:45 ta' bil-lejl, filwaqt li kont gewwa l-hanut tax-xorb imsemmi Ray's Bar u ftit wara, filwaqt li kont f'Wesghet il-Knisja tan-Nattivita, gewwa Bormla, flimkien ma' persuni ohra, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' George Dimech minn Birkirkara, f'periklu car, ikkagunajtlu feriti ta' natura gravi f'wiccu u f'sebghu il-werrej skond ma ccertifikat Dr. Denise Formosa M.D. mit-taqsima tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei, liema ferita iggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju f'wiccu u f'sebghu.

2. Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkustanzi filwaqt li kont gewwa l-hanut tax-xorb imsemmi Ray's Bar u ftit wara, filwaqt li kont f'Wesghet il-Knisja tan-Nattivita, gewwa Bormla, volontarjament, ksirt il-Bon ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied.

3. U aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwat li kont gewwa l-hanut tax-xorb imsemmi Ray's Bar u ftit wara, filwaqt li kont f'Wesghet il-Knisja tan-Nattivita, gewwa Bormla ghedt kliem oxxen, indicenti u dagha.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebbejt ghal George Dimech, sabiex tingurjah, iddejjqu u tghamillu hsara.

5. Akkuzat ukoll talli, fl-istes lok, data, hin u cirkostanzi, ingurjajt jew heddidt lil George Dimech, meta pprovokat, b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

6. Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gibt ruhek b'tali mod li kkagunajt lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta int kont taf jew imissek kont taf li b'tali mgieba taghhkom, ser tikkaguna lil haddiehor biza.

7. U aktar billi nhar id-9 ta' Jannar 2010 ghall-habta ta' 11:45 ta' bil-lejl filwat li kont fl-inhawi ta' Bormla, inqast milli thares wahda mill-kunidizzjonijiet li gew impost mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D fid-Digriet li gie mghoti nhar il-25 ta' Jannar 2009, u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dana bi ksur tal-Art. 579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16 tal-Att nru. 16 tal-2006.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex is-somma ta' 3165 Ewro bhala depozitu, u s-somma ta' 1,500 ewro, liema somma kienet bhala Garanzija Personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D fid-Digriet li gie mhgoti nhar il-25 ta' Jannar 2009 u hekk kif rifomat fid-Digriet tat-30 ta'

Jannar, 2009 tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta u dana kif stipulat fl-Art.579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16(1) tal-Att nru. 16 tal-2006

8. U aktar billi, nhar id-9 ta' Jannar 2010, ghall-habta ta' 11:45 ta' bil-lejl, filwaqt li kont fl-inhawi ta' Bormla, inqast milli thares wahda mill-kundizzjonijiet li gew impost mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., fid-Digriet li gie mghoti nhar is-26 ta' Ottubru 2009 u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dana bi ksur tal-Art. 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16 tal-Att nru. 16 tal-2006.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex is-somma ta' 500 ewro bhala Depozitu u s-somma ta' 5,000 ewro, liema somma kienet bhala Garanzija Personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D fid-Digriet li gie mghoti nhar is-26 t'Ottubru 2009, tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta u dana kif stipulat fl-Art. 579 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16(1) tal-Att nru. 16 tal- 2006.

Il-Qorti hi gentilment mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' Carmelo Vella u dana kif stipulat fl-Art. 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16(3) tal-Att. Nru. 16 tal-2006.

9. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin u cirkostanzi, rrendejt ruhek recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra mill tapplika l-piena skond il-ligi, tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' George Dimech ai termini tal-Art. 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika wkoll l-Art. 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-17 ta’ Awwissu 2012 (ara *folio* 176) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara verbal tal-lum stess 13 ta’ Lulju 2016);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lill-imputat qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reati kommessi;

3. Il-fedina penali xejn felici ta` l-imputat;
4. Il-fatt li l-parti leza George Dimech hafer lill-imputat u rcieva kumpens ghall-hsara sofferta minnu; (ara rapport dok MRF – rapport imhejji mill-ufficjal tal-probation Mary Rose Farrugia. Ara wkoll l-verbal tas-seduta tad-19 ta` Jannar 2010 a folio 15. Ara wkoll id-depozizzjoni ta` George Dimech a folio 32);
5. Qeghda tqis pero`, b'attenzjoni partikolari, id-depozizzjonijiet tal-ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia u r-rapporti minnha esebiti. Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz. Apparti d-depozizzjonijiet taghha, hemm ukoll fl-atti r-rapport estensiv taghha stess immarkat bhala dok MRF.

Hemm ukoll ta` interess partikolari z-zewg rapporti, formanti parti minn dawn l-atti u li gew immarkati bhala dok MRF1 u MRF2, ilkoll mahruga mis-Psychology Unit fi hdan id-dipartiment tal-probation.

Minn evalwazzjoni dettaljata li saret minn naha tad-dipartiment tal-probation dwar l-imputat, kif ampjament riflessa fir-rapporti msemmija u fid-depozizzjoni ta` l-ufficjal tal-probation, din il-Qorti tasal ghall-kokluzjoni li l-imputat ghamel progress kbir fl-imgieba tieghu matul dawn l-ahhar snin u kkopera bis-shih waqt dawn l-*assessments*. Dan juri lil din il-Qorti li l-imputat lest ghal kull ghajnuna u lest jikkopera. Aktar importanti minn hekk, dan kollu ifisser li effettivament l-imputat gab ruhu b'tali mod, naturalment f'dawn l-ahhar snin, li jindika b'mod car li huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fir-rapporti gia hawn fuq imsemmija, li l-imputat ghandu jigi ordnat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ukoll ma' ordni ta' *probation* fil-konfront tieghu, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu, kif ukoll Ordni ta' Servizz fil-Komunita' skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi kif ukoll riparazzjoni lejn is-socjeta.

**Konkluzjoni**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d), 218(1)(a)(b), 338(dd)(bb), 339(1)(d)(e) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Carmelo Vella, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-*probation*, u bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Carmelo Vella bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu

ta’ l-ordni ta’ *probation,* jista’ jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Carmelo Vella.

.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur